

Brussell, 1 ta' Frar 2019
(OR. en)

5103/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0276(NLE)

JUSTCIV 3
COLAC 1

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	10967/18
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Awstrija, Ċipru, il-Kroazja, il-Lussemburgu, il-Portugall, ir-Rumanija u r-Renju Unit biex jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tar-Repubblika Dominicana għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri - Adozzjoni

1. Fis-6 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Awstrija, Ċipru, il-Kroazja, il-Lussemburgu, il-Portugall, ir-Rumanija u r-Renju Unit biex jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tar-Repubblika Dominicana għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri.
2. Il-Parlament Ewropew ġie kkonsultat fl-20 ta' Lulju 2018 u adotta opinjoni pożittiva fil-31 ta' Jannar 2019.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Kwistjonijiet Ġenerali) eżamina l-proposta tal-Kummissjoni u d-delegazzjonijiet ġew mistiedna jippreżentaw kummenti. Fid-dawl ta' dawk il-kummenti, il-proposta ġiet abbozzata mill-ġdid u riveduta mill-Ġuristi-Lingwisti kif tinsab fid-dokument 14922/18. Id-delegazzjonijiet huma f'pożizzjoni li jaqblu dwar il-proposta.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Coreper/Kunsill huwa mistieden jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Awstrija, Ċipru, il-Kroazja, il-Lussemburgu, il-Portugall, ir-Rumanija u r-Renju Unit biex jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tar-Repubblika Dominicana għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri, kif tinsab fid-dokument 14922/18.
